# Dixxendenti ta' Anġlu Ellul, ħu Dun Mikiel

Horatio Caesar Roger Vella*

Wara li s-sena l-oħra ktibna fuq **Dun Mikiel Ellul (1860-1891), Niesu u Għeruqu**, ġejt mitlub minn xi dixxendenti tiegħu ndaħħalhom ma' oħrajn li semmejt, li huma Konċetta Cutajar, Marija Karmela Busuttil, Ġużeppa Farrugia, Vinċenz Busuttil u Ġulina Busuttil. Dawn in-nies kont semmejthom bħala eżempji ta' nies li jiġu minn Dun Mikiel. Ma' dawn nixtieq inżid dan it-tagħrif:




Ħaġa oħra li nixtieq insemmi hi li Anġlu Ellul,[4] ħu Dun Mikiel, indifen f'qabar numru 18, li kien qabar tal-familja, informazzjoni li, għalkemm mhux mogħtija fir-reġistru tal-imwiet, hija mogħtija u kkonfermata mid-dixxendenti tiegħu.

* Horatio Caesar Roger Vella huwa Professur tal-Latin u tal-Grieg fl-Università ta' Malta.

**Referenzi**

1. Ara l-artiklu tas-sena l-oħra.
2. Dan Salvu Agius wara żżewweġ lil Duminka Grech, li kienet tiġi oħt in-nanna tal-ewwel mara tiegħi. Kien ukoll in-neputi ta' Salvu Agius, ir-raġel ta' Marija Chircop (ara l-artiklu tas-sena l-oħra), neputija ta' Dun Mikiel. B'hekk kien ġa mħallat mal-ewwel mara tiegħu.
3. Leonardu Falzon jiġi z-ziju tas-Sindku tar-raħal, is-Sur Charles Calleja.
4. Anġlu Ellul twieled fit-8 ta' Ġunju, 1872, u tgħammed l-għada. Wara li mietet l-ewwel mara tiegħu, iżżewweġ lil Marija Franġiska Saverja Dimech, bint Ġwanni u Verġinja Pugliosovich, armla ta' Emanuel Vidal, fil-Knisja Parrokkjali tal-Imsida fit-2 ta' April, 1945. Anġlu Ellul miet fl-Isptar Ċentrali, il-Furjana, fl-età ta' 84 fil-5 ta' Diċembru, 1956, fl-12.10a.m., u ndifen l-għada fiċ-Ċimiterju ta' San Nikola f'Ħal Kirkop (A.P.K., *Libri baptizzatorum, matrimoniorum, defunctorum, sub diebus relatis*.